MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2010

Rikors Numru. 63/2010

**Paul Agius**

**vs**

**Francis Borg**

Il-Bord;

Ra r-rikors guramentat tar-rikorrenti:

Illi huma jikru lill-intimat l-istore ghall-uzu kummercjali 15, Famyage Buildings, St. Vincent Street, Hamrun, bil-kera annwu ta' erba' mija u hamsa u sittin Euro u sebgha u tmenin centezmu (€465.87) pagabbli annwalment bil-quddiem, l-ewwel skadenza fil-15 ta' Jannar 2011;

Illi l-intimat kiser il-kondizzjonijiet tal-lokazzjoni billi ssuloka jew ceda l-istess fond lil ibnu Joseph Borg

minghajr il-kunsens tar-rikorrenti u/jew billi mhux qed jaghmel uzu tal-istess fond ghalih innifsu;

Illi s-suespost jintitola lir-rikorrent li jirriprendi l-pussess tal-fond in kwistjoni;

Illi sa fejn jaf ir-rikorrent, l-intimat ma ghandux difiza x’jaghtu kontra t-talba tar-rikorrenti;

Raguni tat-talba

Peress illi l-esponent jikri lill-intimat l-istore ghall-uzu kummercjali 15, Famyage Builings, St. Vincent Street Hamrun, bil-kera annwu ta’ erba’ mija u jamsa u sittin Euro u sebgha u tmenin centezmu (€465.87) pagabbli annwalment bil-quddiem l-ewwel skadenza fil-15 ta’ Jannar 2011

Peress illi kiser il-kondizzjonijiet tal-lokazzjoni billi ssuloka jew ceda l-istess fond lil ibnu Joseph Borg minghajr il-kunsens tar-rikorrenti u/jew billi mhux qed jaghmel uzu tal-istess fond ghalih innifsu;

Peress illi l-agir tal-intimat jintitola lir-rikorrent li jirriprendi l-pussess tal-fond in kwistjoni;

Talbiet:

Illi jghid ghalhekk l-intimat ghaliex ma’ ghandux dan l-Onorabbli Bord:

1. Jiddeciedi u jilqa’ t-talba tar-rikorrenti minghajr ma jghaddu ghas-smigh tal-kawza ai termini tal-Artikolu 16A tal-Ordinanza li Tirregola t-Tigdid tal-Kiri tal-Bini (Kap 69) in vizta ta’ ‘l hawn fuq dikjarazzjoni guramentata u ta’ l-anness affidavit Dok A;

2. Jawtorizza lir-rikorrent sabiex jirriprendi l-pussess tal-fond fuq imsemmi billi jikkundanna lill-intimat sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigu lilu prefiss

jizgombra mill-fond 15, Famyage Buildings, St. Vincent Street Hamrun;

Ra illi l-intimat kien debitament notifikat bir-rikors promutur kif ukoll bl-avviz tas-smiegh.

Ra l-verbal tas-seduta tal-14 ta' Gunju 2010, fejn il-Bord, wara li semgha lill-partijiet iddecieda li ma kien hemm ebda raguni ghaliex m'ghandux jipprocedi biex jiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh skont l-artikolu 16A tal-Kap 69;

Ikkonsidra:

Illi wara l ezamina  r-rikors guramentat;

Peress illi fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fir-rikors tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispensa tas-smigh tal-kawza a tenur tal-artikolu 16A tal-Kap 69;

Ghalhekk ghal dawn il-motivi, dan il-Bord jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet tar-rikorrent kif ravvizati fir-rikors promutorju u jawtorizzah jirriprendi l-fond 15, Famyage Buildings, St. Vincent Street, Hamrun fi zmien xahar (1) mil-lum waqt liema zmien l-intimat ghandu jizgombra u jhallih vakanti ghal-libera ripresa mir-rikorrenti.

Bl-ispejjez kontra l-intimat

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------